20 ta' Ottubru 2010

Ref: 5/49/194/10

**Minuti tal-Laqgha Nru. 49**

Il-kunsill iltaqa' fl-Ufficini Amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru 2010. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Vici-Sindku Alfred Borg, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsillier Borg Myatt. Il-Kunsillier Dalli kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppressjeda din il-laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru. 47 u Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru 48**

**1.1** - Dawn il-Minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill.

2) **Korrispondenza**

**2.1** – Ittra mit-Transport Malta. Is-Sinjura Suzanne Bonello baghtet ittra dwar il-problema tat-trasport li qed jaffaccjaw is-sidien tal-hwienet fi Pjazza Antoine De Paule. Is-Sindku qal li kien mistieden ghal-laqgha ma' Dr.Jason Azzopardi dwar din il-problema. Hu kompla jghid li l-kunsill talab ghal *timed parking scheme*. Hu qal ukoll li ghandna nibghatu ghas-sidien tal-hwienet mill-Kazin tas-Socjeta' Filarmonika G.M Fra Antoine De Paule 'l isfel biex jinnominaw 2 rapprezentanti u nitkellmu maghhom fuq l-*issue* tal-*Loading/Unloading*. Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**2.2** – Ittra mill-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan Banda Paola. Is-Sur Chris Ricca talab permess biex tigi organizzata serata maltija fis-sala tal-Kunsill nhar is-Sibt 6 ta' Novembru 2010 mis-7.00pm 'l quddiem. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

Saret ukoll diskussjoni fuq l-attivita' ta' Casal Paola. Il-Kunsillier Seychell qal li mhux sewwa li din l-attivita' tithallas qabel ma jkollna konferma tal-fondi mill-Gvern Centrali. Huwa kompla ukoll billi qal li x'jigri jekk il-Kunsill Lokali Paola jhallas ghall-attivita' u l-

attivita' ma tigix approvata. Il-membri tal-Kunsill qabblu li l-Kunsill ihallas kollox ghal din l-attivita'.

**2.3** – Ittra mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali. Is-Sur Joe Camilleri baghat jinforma lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru 2010 waqqaf lill-Kuntrattur li jigbor l-iskart u gibidlu l-attenzjoni li l-haddiem la kellu ngwanti u lanqas kellu l-gakketta protettiva. Il-membri tal-Kunsill qabblu li ghandna ninfurmaw lill-kuntrattur dwar dawn l-affarijiet.

**2.4** – Ittra mit-Transport Malta. Il-Perit Lara Demicoli baghtet tinforma lill-kunsill li l-applikazzjoni ghar-*reserved parking* tas-Sinjorina Maria Rita Galea ma gietx milqugha u ghalhekk it-Transport Malta baghtet ghall-kummenti tal-Kunsill minhabba li qed tikkunsidra sabiex timplimenta *Communal Reserved Parking for Blue Badge Holders* fl-akwata ta' Triq Joseph Stivala. Il-membri tal-Kunsill qabblu li ssir mal-genb tal-grawnd tas-Schreiber fi Triq is-Sorijiet.

**2.5** – Ittra mit-Transport Malta. L-Inginier Ronald Attard Pullicino baghat jinforma lill-kunsill biex issir laqgha dwar il-*Bus Stand* li hemm fi Triq Hal-Luqa. Il-membri tal-Kunsill qabblu li s-Sur Nicholas Seychell jiehu hsieb dan il-kaz.

**2.6** – Ittra mis-Sur Joe Debono dwar il-periklu li hemm fi Triq id-Dghajjes ghax il-karozzi qed johorgu ghal Vjal Sir Paul Boffa. Il-membri tal-Kunsill qabblu li ghandu jintbaghat gwardjan lokali f'din it-triq bejn is-6.00am u 8.00am.

**2.7** – Ittra mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sinjura Micallef baghtet tinforma lill-Kunsill biex nibghatu lista tal-attivitajiet li l-Kunsill ser jorganizza biex tinghata promozzjoni mid-Dipartiment. Il-membri tal-Kunsill qabblu li ghandna nibghatu d-dati ta' l-attivitajiet.

**2.8** – Ittra mis-Segretarju lill-Kappillan Dun Vincenz Cachia biex il-laqgha dwar il-Progett tal-Knisja tkun posposta ghal nhar l-Erbgha 20 ta' Ottubru 2010.

**2.9** – Ittra mill-ASKLM rigward Konferenza fi Strasbourg. Is-Segretarju tal-Kunsill baghat jinforma li kien ser jibbukkja biex imur Strasbourg u ma hemmx *direct flight connections* u ghalhekk ser jizdiedu hafna aktar l-ispejjes u ghaldaqstant hass li ma ghandux imur.

**2.10** – Ittra minn Dr.Owen Bonnici dwar incident li kellu s-Sur Steve Axisa meta kien ghaddej bil-karozza tieghu minn Triq Guze' Damato u waqghet t-tabella *No Entry* u saret l-hsara fuq il-karozza u qed jitlob kumpens u baghat ukoll r-rapport tal-incident. Il-membri tal-Kunsill qabblu li dan il-kaz jghaddi ghand l-Avukat tal-Kunsill.

**3) Budget**

**3.1** – Is-Segretarju ressaq u qara l-budget tal-Kunsill.

**3.2** - Il-Kunsillier Borg Myatt qal li hu ma jaccettax dan il-budget ghax fih wisq zbalji u ghandna nibghatu lill-accountant tal-kunsill biex jerga' jivveferika l-budget mill-gdid.

**3.3** – Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

## 4) Sejha ghall-Impjegati Godda

**4.1** – Is-Segretarju qal li l-Kunsill rcieva applikazzjonijiet u dawn ghalqu lbierah. Hu nforma lill-Kunsill kif inhi l-procedura dwar dan. Hu kompla jghid li l-ewwel issir *internal call* u jekk il-Kunsill ma jsib lil hadd addattat, wara jirrikorri u japplika ma' l-ETC.

**4.2** – Is-Sindku qal li hu ser jaghmel il-Bord ta' l-*Interviews*. Hu ssugerixxa li l-membri tal-bord ikunu s-Sindku, is-Sur Renald Dalli, is-Sur Duncan Borg Myatt u s-Segretarju tal-Kunsill.

**4.3** – Il-Vici-Sindku staqsa ghaliex huwa ma ntghazilx biex ikun fil-Bord. Is-Sindku qallu li l-ghazla tal-Bord hija decizjoni tieghu.

**4.4** – Is-Segretarju ssugerixxa li l-*interviews* isiru nhar it-Tlieta 26 ta' Ottubru 2010 fis-6.00pm.

**4.5** – Il-membri tal-Kunsill approvaw.

## 5) Bye-Laws

**5.1** – Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qabblu li jsiru l-*bye-laws* dwar *animal feeding*, dwar ir-reklami u dwar il-*hawkers* u li fi Pjazza Antoine De Paule ma jarma hadd.

## 6) Pagamenti

**6.1** – F'din il-laqgha, ma tressqux pagamenti.

**6.2** - Is-Sindku, f'isem il-Kunsill kollu rringrazzja lill-Kunsilliera, is-Sinjorina Helina Ebejer tas-servizz li dejjem tat u tas-sehem taghha kemm kienet ilha fil-Kunsill u awgurala ghall-futur.

**6.3** - Il-Kunsillier Nicholas Seychell informa lill-kunsill li ser issir applikazzjoni ma' l-Enemalta biex isiru bozoz godda u arblu fi Triq l-Isqof Buhagiar, bozoz godda fi Triq Ghajn Dwieli u Triq Nazzarenu. Hu ssugerixxa wkoll li tinbidel is-sistema tat-telephones u jsiru godda.

**6.4** - Is-Sindku ssuggerixxa li jsiru 4 *sleeping policeman* fi Triq Palma u *sleeping policeman* hdejn *Smash Radio* fi Triq ix-Xewk.

**6.5** - Il-membri tal-Kunsill qabblu ma' dan.

**Aggornament**

Il-laqgha giet maghluqa fis-7.30pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 9 ta' Novembru 2010 fis-6.00pm.

______________________

Kevin Borg

Segretarju

______________________

Dominic Grima

Sindku